REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1131

tat-13 ta' Awwissu 2018

li japprova l-penflufen bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2015, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tar-Renju Unit irċeviet applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva penflufen għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 8, preservattivi għall-injam, kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(2) L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tar-Renju Unit ippreżentat ir-rapport ta' valutazzjoni flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tagħha fit-28 ta' Frar 2017 f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(3) Il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali tal-Aġenżija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2017, filwaqt li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ([2]).

(4) Skont dik l-opinjoni, il-prodotti bijoċidali tat-tip 8 li fihom il-penflufen, jistgħu jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, diment li jkunu konformi ma' ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tagħhom.

(5) Għalhekk, jixraq li l-penflufen tiġi approvata għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 8, diment li jkun hemm konformità ma' ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet.

(6) Peress li l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tikkonkludi li l-penflufen tissodisfa l-kriterji li jidentifikawha bħala persistenti ħafna (vP) skont l-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-oġġetti ttrattati bil-penflufen jew li fihom il-penflufen jenħtieġ li jkunu tikkettati kif jixraq meta jitqiegħdu fis-suq.

(7) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tiġi approvata sustanza attiva sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri preparatorji meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-penflufen hija approvata bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 8, diment li jkun hemm konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) L-Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) dwar l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva penflufen, tat-Tip: 8, ECHA/BPC/184/2017, adottata fl-14 ta' Diċembru 2017.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Isem Komuni	Isem IUPAC Numri ta' Identifikazzjoni	Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva ([1])	Data tal-approvazzjoni	Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni	Tip ta' prodott	Kundizzjonijiet speċifiċi
Penflufen	Isem IUPAC: 5-fluworo-1,3-dimetil-N-{2-[(2RS)-4-metilpentan-2-yl] fenil}-1H-pirażol-4-karbossammid Nru EC: mhux disponibbli Nru CAS: 494793-67-8	980 g/kg (1:1 proporzjon (R:S) proporzjon ta' enantjomeri)	l-1 ta' Frar 2019	il-31 ta' Jannar 2029	8	L-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin: 1. Fil-valutazzjoni tal-prodott għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lill-effikaċja marbuta ma' kull użu kopert b'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, iżda li ma jkunx indirizzat fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva fil-livell tal-Unjoni. 2. Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-użi vvalutati, il-valutazzjoni tal-prodott għandha tagħti attenzjoni partikolari: (a) għall-utenti professjonali u l-utenti industrijali; (b) għall-ħamrija u l-ilma tal-pjan għal injam fis-servizz li se jkunu esposti ta' spiss għall-elementi. 3. Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-ħamrija, it-tikketti, u meta jkunu pprovduti, l-iskedi tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodott awtorizzat, għandhom jindikaw li l-applikazzjoni industrijali għandha titwettaq f'żona iżolata jew fuq bażi iebsa impermeabbli bħajt ta' protezzjoni, li hekk kif l-injam jiġi ttrattat jinħażen taħt għata jew fuq bażi iebsa impermeabbli, jew it-tnejn, biex jiġu evitati rilaxxi diretti fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kull rilaxx mill-applikazzjoni tal-prodott għandu jingħabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi. It-tqegħid fis-suq ta' oġġetti ttrattati huwa soġġett għall-kundizzjoni li ġejja: Il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq ta' oġġett ittrattat bil-penflufen jew li jkun jinkorporah għandha tiżgura li t-tikketta ta' dak l-oġġett ittrattat ikun fiha l-informazzjoni mniżżla fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 58(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

([1]) Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata. Is-sustanza attiva fil-prodott imqiegħed fis-suq jista' jkollha l-istess purità jew purità differenti jekk ikun intwera li teknikament din tkun ekwivalenti għas-sustanza attiva evalwata.